A.L. 33 ta' l-1997

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni ta' l-1997 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 4)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej: —

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1997 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 4).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mis-6 ta' Frar, 1997.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) *Flat* numru 8, Blokk D-2, Triq l-Istiratur, Ta' Mliet, Mosta (Tenement No. 70849).

(2) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 130.81 metru kwadru magħrufa bħala Plot 23, Triq il-Palazz l-Aħmar, Fleur-de-Lys, Santa Venera, li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern fi Fleur-de-Lys, limiti Santa Venera, li tmiss min-Nofs-in-Nhar ma' Triq il-Palazz l-Aħmar, mil-Lvant ma' proprjetà ta' George Barbara, mill-Punent ma' proprjetà ta' Gaetano u Rose Maria Tanti, li fuqha llum hemm mibni l-fond numru 23, Triq il-Palazz l-Aħmar, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P.23 fuq L.D. 235/81/12. (HAP 277/96).

(3) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 119.88 metru kwadru u inkluża art addizzjonali ta' madwar 47.5 metru kwadru magħrufa bħala Plot 25 u Sit D, Triq il-Bwieraq, Santa Luċija, li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern Neighbourhood II f'Santa

Luċija, limit Santa Luċija, li tmiss mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Victor Schembri, mix-Xlokk ma' Triq Għeneb id-Dib, mil-Lbiċ ma' Triq il-Bwieraq, fejn illum hemm mibni l-fond numru 25, Triq il-Bwieraq. L-imsemmija biċċa art tinsab delineata bl-aħmar u markata P.25 u l-imsemmi sit jinsab ukoll delineat bl-aħmar u markata D fuq L.D. 11/82/67. (HAP 6/96).

(4) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern ta' Santa Luċija, Phase III, kif hawn aktar 'il quddiem indikat —

(a) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 140.74 metru kwadru inkluża art addizzjonali ta' madwar 57.5 metru kwadru magħrufa bħala Plot 136 Triq l-Għorgħar, Santa Luċija, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Avertano Grech, mil-Lvant ma' Triq l-Għorgħar, mill-Punent ma' spazju miftuħ pubbliku, fejn illum hemm mibni l-fond numru 3, Triq l-Għorgħar. Din il-biċċa art tinsab delineata bl-aħmar u markata P. 136 fuq L.D. 11/82/68. (HAP 215/96).

(b) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 195.71 metru kwadru inkluża art addizzjonali ta' madwar 60.5 metru kwadru magħrufa bħala Plot 139 u Sit A, Triq il-Prinjoli kantuniera ma' Triq l-Għorgħar, Santa Luċija, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' Carmel Degabriele, min-Nofs-in-Nhar ma' Triq il-Prinjoli, mill-Punent ma' Triq l-Għorgħar, fejn illum hemm mibni l-fond numru 57, Triq il-Prinjoli kantuniera ma' Triq l-Għorgħar. Dik il-biċċa art u l-art addizzjonali jinsabu delineati bl-aħmar u markati P.139 u A rispettivament fuq L.D. 11/82/69. (HAP. 212/96).

(5) *Maisonette* numru 7, Bini tal-Gvern, Triq it-Tabib Anton Tabone, Qasam Taċ-Ċawla, Rabat (Victoria), Għawdex (Tenement No. URB 272).

(6) *Flat* numru 4, Entratura A, Binja tas-Salvatur, Block 4, Triq Luigi Pisani, Kalkara (Tenement No. 77052).